MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 80/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Horace Desira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Horace Desira talli fil-25 ta' Gunju 2003, ghall-habta tad-9.00 a.m., fil-Qrati tal-Gustizzja l-Belt Valletta;

(1) Bil-hsieb li jaghmel hsara lil Dr. Damian von Schembri B.A. LL.D, akkuzah quddiem awtorita` kompetenti b’reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti;

(2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuna ta’ Dr. Damian von Schembri B.A. LL. D. persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew

minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(3) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr. Damian von Schembri B.A. LL.D, iweggghu bi kliem, gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor liema kitba, figuri jew disinji gew imxandrin jew kienu esposti fil-pubbliku;
(4) Ghamel lil Dr. Damian von Schembri B.A. LL.D, ingurja jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(5) Naqas mill-obbligu tieghu, liema obbligu huwa kien marbut bih permezz tas-sentenza ta’ l-10 ta’ Jannar 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2005, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Horace Desira hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Dr. Damian von Schembri pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lil Horace Desira hati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ din is-sentenza l-Qorti sejra tikkunsidra l-eccezzjoni mqajma fl-udjenza tat-18 ta' Lulju 2005 tan-nullita` tar-rikors ta' appell u dan fis-sens illi l-appellant ma kellux dritt ta' appell f'dawn il-proceduri u dan id-dritt kien jispetta lill-Avukat Generali.

L-appellant isostni li huwa kellu dritt jappella mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti peress illi l-imputazzjonijiet

kollha jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reati in kwistjoni ma setghetx titmexxa hlief bil-kwerela ta' l-offiz u l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-offiz.

Issa, il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (art. 413(1)(a)), fil-kazijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b), "l-Avukat Generali, u, fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant", u, fil-kazijiet l-ohra kollha, (art. 413(1)(c)), l-Avukat Generali.
Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 2000 (per Imhallef Vincent DeGaetano - illum Prim' Imhallef) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Vella** fejn gie trattat dan l-istess punt, gie ritenut hekk:

**"Jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta (a) ir-reat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma' l-Artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz; u (c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provvdut fl-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u tal-kwerelat (l-imputat) (u ghalhekk mill-*occhio* tas-sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawza huma l-kwerelant u l-imputat, u mhux il-Pulizija u l-imputat)(ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Philippa Farrugia*, 6/12/1995 u s-sentenzi l-ohra imsemmija f'din is-sentenza; *Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*, 20/1/1997; u *Il-Pulizija v. Raymond Sultana*, 11/7/1997)."**

Fil-kaz odjern, ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni - ir-reat ta' kalunnja - <u>mhuwiex ta' kompetenza originali</u> tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhuwiex reat li l-azzjoni fir-rigward tieghu tehtieg il-

kwerela tal-parti leza. Hekk ukoll mhijiex mehtiega kwerela sabiex tittiehed azzjoni kriminali fir-rigward tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, dak ta' ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom. Dawn iz-zewg reati huma prosegwibbli *ex officio*[1] mill-Pulizija Ezekuttiva. Il-kwerela li ghamel l-appellant serviet ta' semplici *notitia criminis*[2], minghajr, pero`, ma dik il-kwerela tkun b'xi mod essenzjali ghat-tmexxija ta' l-azzjoni. Jidher evidenti wkoll li l-prosekuzzjoni tmexxiet *ex officio* mill-fatt li l-kawza giet trattata bi procedura sommarja peress illi ta l-kunsens tieghu ghal dan l-iskop l-Avukat Generali skond dak li hemm dispost fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali. Inoltre s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nghatat fil-konfront tal-Pulizija u ta' l-imputat Desira u l-kwerelant jew parti leza semplicement ikkostitwixxa ruhu bhala parti civili fil-kawza fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali, fatt li ma jfissirx li ghandu dritt ta' appell li hu regolat fil-Kodici Kriminali unikament b'dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b) kif inghad.

Konsegwentement f'dan il-kaz mhuwiex moghti dritt ta' appell lill-kwerelant jew parti leza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell, tiddikjara l-istess rikors irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] "L-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio* fil-kazijiet kollha meta biex iggibha 'l quddiem ma tkunx mehtiega t-talba tal-parti privata jew meta l-ligi ma thallix espressament it-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata.

[2] Il-mezz li bih il-Pulizija jsiru jafu bid-delitt.